MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2006

Avviz Numru. 588/2002

**Avviz numru 588/02 DM**

**Bonnici Edwards & Company Limited**

**Vs**

**John u Carmen konjugi Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elf, seba’ mija, wiehed u erbghin lira Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm1,741.49) rapprezentanti l-bilanc tal- prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lill-konvenuti fuq ordni u nkarigu specifiku taghhom, bl-imghax u bl-ispejjez kollha nkluz dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, kollox kontra l-konvenuti, li gew ingunti in subizzjoni

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi :
1. Huma ghamlu diversi hlasijiet lis-socjeta’ attrici u sa fejn jafu huma m’ghandhomx jaghtuha flus.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet tal-kontendenti ;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-konvenuti jikkontestaw it-talba attrici billi jsosstnu illi bil-hlasijiet illi ghamlu akkont, huma kienu ssodisfaw kull kreditu ta’ l-atturi u anzi John Fenech isostni illi huwa dejjem iffirma kull fattura b’rikonoxximent tal-konsenja u ghalhekk isosstni li fejn ma’ hemmx firma tieghu dan jimplika li ma’ rceviex il-merkanzija ndikata fil-fattura relattiva.

Ghalhekk fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni dwar il-pagamenti akkont illi jirrizulta li ghamel il-konvenut mir-rendikont esibit mill-atturi, jispetta lill-atturi li jipprovdu provi sufficjenti dwar il-bejgh u konsenja ta’ merkanzija u ghalf indikati fl-istatement dokument HB 1 a fol 45 tal-process.

Evidentement bil-pagament akkont taghhom fit-28 ta’ Mejju, 1998, il-konvenuti jirrikonoxxu li d-dejn taghhom qabel dak in-nhar kien jissupera l-elf lira mhallsin u ghalhekk huwa accettat mill-Qorti illi l-bilanc mill-konvenuti dovut wara l-hlas akkont ta’ l-imsemmija soma ta’ elf lira Maltin (LM1,000) huwa fl-ammont ta’ mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin (LM255), kif indikat fir-rendikont dokument HB 1.

Kif ukoll bil-pagamenti akkont tal-konvenuti ta’ l-24 ta’ Marzu ta’ l-1999 u 29 ta’ Dicembru ta’ l-1999 fis-somma komplessiva ta’ elfejn lira Maltin (LM2,000), il-konvenuti

jirrikonoxxu li sa Dicembru ta’ l-1999 kienu xtraw u rcevew apparat ta’ valur li jissupera almenu s-somma ta’ elf, seba’ mija u hamsa u erbghin lira Maltin (LM1,745); ghalhekk, billi l-bejgh allegat mill-atturi f’ dan il-perjodu huwa dak ta’ l-1 ta’ Dicembru, 1998 fis-somma komplessiv ta’ tlett elef u ghaxar liri Maltin (LM3,010), dana ghandu jitqies li huwa ampjament ippruvat.

Kif ukoll jirrizulta li huwa ppruvat mid-deposizzjonijiet ta’ Mario Attard u Godfrey Abela u r-ritratti esebiti, il-bejgh ta’ fans tat-28 ta’ Jannar 1999, ghall-prezz komplessiv ta’ elf u sebgha u sittin lira Maltin (LM1,067).

Ghall-istess motivi u fin-nuqqas ta’ xi prova da parti tal-konvenuti li huma setghu kienu xtraw xi parti mill-‘fans’ u ‘extractors’ illi ghandhom istallati minghand xi hadd iehor, il-Qorti taccetta bhala pprvat il-bejgh u konsenja tal-fans u extractors mibjughin fl-1 ta’ Awissu tas-sena 2000 ghall-prezz ta’ hames mija, erbgha u ghoxrin lira u erbghin centezmi (LM524.40c), dawk tat-22 t’ Awissu tas-sena 2000 ghall-prezz ta’ elf u disghin lira u tletin centezmi Maltin (LM1,090.30c) u tal-25 t’ Ottubru tas-sena 2001 ghall-prezz ta’ tlett mija u disgha u erbghin lira u sittin centezmi (LM349.60c).

Pero’ ghal dak li jikkoncerna kull bejgh iehor ta’ gwies u makkinarju indikat fir-rendikont, senjatament dak li allegatament nbiegh wara Dicembru 2000, meta l-konvenuti (kif indikat fir-rendikont ta’ l-atturi stess) kienu kabbru sostanzjalment id-debitu taghhom u meta ma’ kienux regolari fil-pagamenti akkont, l-atturi ma’ jistghux jibqghu jistriehu fuq argumenti u spjegazzjonijiet biex jaslu ghall-prova tal-konsenja. Din il-prova trid isir b’mod konklussiv, kif mistenni minn vendituri serji intizi li jipprotegu l-interessi taghhom u trid tikkonsisti esklussivament fil-firma tax-xerrej fuq il-fattura li ma’ tkunx ser tithallas mal-konsenja, kif l-istess atturi jaqblu li kienet il-prattika kummercjali minnhom adottata.

Ghalhekk, l-atturi ghandhom jitqiesu li waslu ghall-prova ta’ bejgh u konsenja rigward biss il-fatturi numri hames’ t elef, tlett mija sitta u hamsin (5356) tal-31 t’ Awissu tas-

sena 2000 ghall-valur ta’ hamsin lira u centezmu (LM50.01c), il-fatturi hames’ t elef, sitt mija u disgha u ghoxrin (5629) hames’ t elef, sitt mija u tnejn u erbghin (5642); hames’ t elef, sitt mija u hamsa u hamsin (5655); hames’ t elef, seba’ mija u tmenin (5780); hames’ t elef seba’ mija u wiehed u disghin (5791); sitt elef u tnejn u tletin (6032); u sitt elef u wiehed u hamsin (6051), dwar bejgh ta’ gwies ghall-valur komplessiv ta’ tminn mija u tmenin lira Maltin (LM880) u l-fattura numru sitt elef u tmienja (6008) tas-27 ta’ Novembru, 2001 ghas-somma ta’ erba’ mija u tlettax-il lira Maltin u tmienja u disghin centezmi (LM413.98c).

Ghaldaqstant jirrizulta li l-atturi waslu ghall-prova ta’ bejgh u konsenja ta’ gwies u makkinarju ghall-valur tas-somma komplessiva ta’ sitt elef, erba’ mija u hamsa u tmenin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmi (LM6,485.29c), (mghamula hekk:- LM880 + LM3,010 + LM1,067 + LM524.40c + LM349.60c + LM190.30c + LM50.01c + LM431.98c), liema somma unita mas-somma ta’ mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin (LM255) dovuta fil-25 ta’ Mejju ta’ l-1998 twassal ghas-somma komplessiva ta’ sitt elef, seba’ mija u erbghin lira u disgha u ghoxrin centezmi (LM6,740.29c), valur ta’ gwies u merkanzija mibjughin u kkonsenjati lil konvenuti, liema somma l-konvenuti huma tenuti li jhallsu lill-atturi.

Akkont ta’ din is-somma, il-konvenuti ghamlu dawk il-pagamenti akkreditati fl-istess rendikont dokument HB 1 u li huma s-segwenti, elf lira Maltin (LM1,000) fl-24 ta’ Marzu, 1999, elf lira Maltin (LM1,000) fid-29 ta’ Dicembru, 1999, elf lira Maltin (LM1,000) fid-31 ta’ Mejju, 2001, elf lira Maltin (LM1,000), fit-12 t’ Ottubru, 2001, elf lira Maltin (LM1,000) fis-17 ta’ Novembru, 2001, hames mitt lira Maltin (LM500) fil-5 t’ April, 2002, mitejn lira Maltin (LM200) fil-31 ta’ Mejju, 2002, u mitejn lira Maltin (LM200) fil-31 ta’ Lulju, 2002, total ta’ hames’ t elef u disa’ mitt lira Maltin (LM5,900).

Evidentement l-elf lira Maltin (LM1,000) mhallsa fil-25 ta’ Mejju, 1998 kienu diga gew ikkomputati meta gie stabbilit il-bilanc dak in-nhar ta’ mitejn u hamsa u hamsin lira

(LM255), waqt li l-pagament ta’ seba’ mija u ghoxrin lira Maltin (LM 720) kien sar specifikament biex jithallas il-VAT fuq il-valur tal-makkinarju mibjugh fid-29 ta’ Dicembru tas-sena 2000, il-prezz ta’ liema jinsab kopert b’ kambjali skond ir-rendikont separat (dokument HB 2) liema kambjali huma l-mertu tal-kawza konnessa fl-istess ismijiet avviz numru 589 ta’ l-20002.

Ghalhekk il-bilanc dovut mill-konvenuti lill-attur huwa dak ta’ tminn mija, erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmi (LM840.29c).

Ghalhekk tilqa’ t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti billi jhallsu din is-somma ta’ tminn mija u erbghin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (LM840.29c) lill-atturi, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali mis-17 ta’ Dicembru, 2001.

Bl-ispejjez jithallsu bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------